TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 70/15/GB

**Martin Fenech**

**vs**

**Mobisle Communications Ltd.**

Illum 20 ta' Mejju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' April, 2015, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u hamsin Ewro (€150.00), rapprezentanti l-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghal servizz li kien jinkludi 'mobile phone', liema 'mobile phone' kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien dahal f'kuntratt mas-socjeta' ntimata fejn hallas mija u hamsin Ewro (€150.00) ghal servizz u 'mobile phone'. Wara ghaxart ijiem, il-'mobile phone' beda jishon u waqaf jahdem u ghalhekk ittiehed ghat-tiswija. Wara li ssewwa, il-'mobile phone' rega' kellu l-istess difett wara biss ġurnata. Illi ghalhekk ir-rikorrent irritornah lis-socjeta' ntimata ghat-tiswija u issa qed jirrifjuta li jaċċettah lura ghaliex huwa difettuż.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Fl-ewwel lok jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprovdi informazzjoni u dokumenti li fuqhom qiegehd jibbaża t-talba tieghu;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti ghandha tiġi michuda bl-ispejjez;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa erbgha (4) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MF1, Dok.MF2, Dok.MF3 u Dok.MF4.

Xehdet Lilia Fenech, bil-Malti u bil-gurament, prodotta mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi t-talba tar-rikorrent hija wahda intempestiva, stante li huwa fetah il-proceduri odjerni qabel ma aċċerta ruhu li l-'mobile phone' in kwistjoni fil-fatt ghadu bl-istess allegat difett, billi lanqas biss gabru minghand is-socjeta' ntimata wara li hallieh hemm ghat-tiswija, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**